

**Brussell, 23 ta' Marzu 2022
(OR. en)**

**7426/22
ADD 1**

**AGRI 111
ENV 255
AGRIFIN 33
AGRIOG 35
SOC 180
COH 23
ALIM 2
COHAFA 36
DEVGEN 54**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 133 final - ANNEXES 1 to 2
Suġġett:	ANNESI tal- KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisfih tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 133 final - ANNEXES 1 to 2.

Mehmuż: COM(2022) 133 final - ANNEXES 1 to 2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.3.2022
COM(2022) 133 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESI

tal-

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U
SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel

ANNEX 1

IS-SIGURTÀ GLOBALI TAL-IKEL U L-KATINA AGROALIMENTARI TAL-UE

Is-sitwazzjoni fl-UE

L-UE hija fil-biċċa l-kbira awtosuffiċjenti għal prodotti tal-ikel ewlenin. L-UE hija esportatur ewlieni tal-qamħ u tax-xgħir u fil-biċċa l-kbira tkopri l-konsum tagħha għal għelejjel bażiċi oħra bħall-qamħirrum jew iz-zokkor. L-UE hija wkoll fil-biċċa l-kbira awtosuffiċjenti għall-prodotti tal-annimali, kemm għall-prodotti tal-ħalib kif ukoll għall-prodotti tal-laħam (minbarra l-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż u l-frott tal-baħar), għall-frott tal-baħar, għall-frott u għall-ħxejjex (il-ħawħ, in-nuċiprisk, it-tuffieħ, it-tadam, il-larinġ).


Madankollu, għal xi prodotti speċifiċi, l-UE hija importatur nett konsiderevoli. F'xi każijiet, il-prodotti importati huma diffiċli li jiġu sostitwiti, kemm f'termini ta' volum, ta' sorsi ta' importazzjoni, ta' kwalità jew ta' kost. Dan huwa l-każ għall-prodotti tropikali (il-frott tropikali, il-kafè, il-kawkaw), għall-prodotti tal-ħut, għall-għalf u għal varjetà ta' addittivi, bħall-vitamiċi u l-aċidi amminiċi li huma essenzjali għall-produzzjoni ta' prodotti tal-għalf tal-annimali jew tal-ikel. B'mod partikolari, 22 % tal-proteina tal-għalf hija ta' oriġini mhux tal-UE fl-2021/22, iżda dan il-proporzjon jilħaq 75 % għall-pasta taż-żrieragħ żejtnija¹ (prinċipalment is-sojja).

L-impatt taż-żieda globali fil-prezzijiet tal-komoditajiet

Iż-żieda fil-prezz ġenerali attwali tal-komoditajiet għandha xi similaritajiet maż-żieda qawwija fil-komoditajiet tal-ikel tal-2008 f'termini tan-natura ġeneralizzata tagħha ta' livell għoli, il-moviment konġunt u l-volatilità għolja fil-prezzijiet kollha tal-komoditajiet. Issa, bħal dakinhar, iż-żieda fil-prezzijiet tal-input għall-prodotti agrikoli hija multipla taż-żidiet fil-prezzijiet tal-ikel, u għal darba oħra turi l-problema tal-konġestjonijiet u d-dewmien fit-trażmissjoni tal-prezzijiet tal-katina alimentari li jiffaċċjaw il-produtturi, filwaqt li xorta tirriżulta f'żidiet b'saħħithom fil-prezzijiet tal-ikel.

Graff 1. Mewġiet tal-prezzijiet tal-komoditajiet

¹ Il-karta tal-bilanċ tal-għalf tal-proteini tal-UE, DG AGRI.



Madankollu, hemm xi differenzi kbar bejn iż-żewġ episodji. **Il-livelli tal-ħażniet relattivi tal-komoditajiet agrikoli ewlenin huma oġhla llum.** Minkejja li l-ħażniet tal-komoditajiet ewlenin naqsu bi ftit matul l-aħħar erba' snin, il-proporzjonijiet tal-istokkijiet għall-użu mhuma bl-ebda mod qrib il-livell li ppreċeda ż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-2008–10, anke meta jitqies li l-Ukrajna u r-Russja mhux se jfornu kompletament is-swieq din is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni.

Ir-regolamentazzjoni u t-trasparenza tas-swieq tal-komoditajiet ġew imsaħħa b'mod konsiderevoli minn żmien il-Komunikazzjoni dwar il-prezzijiet tal-Ikel fl-Ewropa tal-2008² li ġiet prodotta wara ż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-ikel fl-2007/l-2008. Dak iż-żmien il-Kummissjoni rakkomandat **il-promozzjoni tal-kompetittività tal-katina tal-provvista tal-ikel**, l-infurzar vigoruż tar-regoli tal-kompetizzjoni u regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, ir-rieżami u fejn meħtieġ **it-titjib tar-regolamentazzjoni dwar il-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel**, it-titjib tal-informazzjoni għall-konsumatur u l-iskoraġġiment tal-ispekulazzjoni fis-swieq tal-komoditajiet agrikoli u tad-derivattivi. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet kollha ġew tradotti f'azzjoni leġiżlattiva u politika (ara l-Anness 2), li tipprovdi punt tat-tluq sod biex jiġu affaċċjati l-problemi tal-lum.

L-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq l-agrikoltura u s-sajd tal-UE

Minbarra l-esponiment dirett għaż-żieda fil-**prezzijiet tal-enerġija**, is-settur tal-ikel huwa espost għall-effetti inflazzjonarji ta' serje ta' prodotti u servizzi. Huwa l-konsumatur ewleni ta' fertilizzanti u prodotti fitosanitarji, iżda wkoll tal-makkinarju, tal-materjali tal-imballaġġ tal-ikel, u huwa affettwat miż-żieda fil-kostijiet tat-trasport.

L-impatt miż-**żieda fil-kostijiet tal-fertilizzanti** kien partikolarment akut. Il-fertilizzanti jirrappreżentaw 18 % tal-kostijiet tal-input tal-azjendi agrikoli tal-għelejjel li jinħartu (medja tal-2017–19). Il-gass naturali huwa l-fattur determinanti ewleni għall-prezz tal-

² COM (2008)821 final.

fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu. Dan jirrappreżenta 60-80 % tal-kostijiet tal-input varjabbli tagħhom. Il-prezzijiet għoljin tal-gass naturali bl-ingrossa jissarrfu fi prezzijiet għoljin tal-fertilizzanti (għall-fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu bħall-urea, il-prezzijiet laħqu l-oġġla livelli simili għal-livelli osservati matul il-kriżi finanzjarja tal-2007–2008). Xi produttori tal-fertilizzanti fl-UE waqqfu l-produzzjoni tagħhom temporanjament peress li l-kostijiet tal-enerġija kienu għoljin wisq. Il-prezzijiet tal-fertilizzanti bbażati fuq il-blatt (il-fosfat u aktar u aktar il-potassju) huma inqas korrelati mal-prezzijiet tal-enerġija, għalkemm jinsabu wkoll taħt pressjoni minħabba s-saħħa tar-Russja u tal-Belarużja fil-produzzjoni dinjija.

Għalkemm l-UE timporta EUR 3 biljun ta' fertilizzant mir-Russja, id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet ta' fertilizzanti bbażati fuq in-nitroġenu għadha limitata, b'aktar minn 90 % tal-konsum tal-UE pprovdut mill-industrija domestika tal-UE. Madankollu, l-industrija tiddependi ħafna fuq il-gass ta' oriġini Russa.

Is-settur tas-sajd huwa milqut ħafna wkoll miż-żieda fil-prezz tal-fjuwil marin. Il-prezz tal-fjuwil marin bħalissa jinsab f'livell rekord għal dawn l-aħħar żewġ deċennji hekk kif żdied b'100 % meta mqabbel mal-prezz medju fl-2021. F'dan il-livell ta' prezzijiet tal-fjuwil, il-maġġoranza tas-segmenti tal-flotta tal-UE huma taħt il-punt ta' ekwilibriju tad-dħul tagħhom u ma jkoprox il-kostijiet operattivi tagħhom. Iż-żieda fil-kostijiet tal-elettriku hija ta' tħassib kbir għas-**settur tal-akkwakultura** (l-ippumpjar u ċ-ċirkolazzjoni tal-ilma) u s-setturi tal-ipproċessar (il-linji ta' produzzjoni u l-faċilitajiet ta' ħżin/iffriżar).

Is-sitwazzjoni tal-introjt tal-azjendi agrikoli

Livelli ta' produzzjoni u prezzijiet tajbin għall-agrikoltura tal-UE rriżultaw f'titjib fl-introjt tal-azjendi agrikoli tal-UE għall-2021 għal kull ħaddiem meta mqabbel mal-medja tal-2017–19. Iż-**żieda qawwija ħafna fil-kostijiet tal-input** titfa' pressjoni fuq il-marġini, b'mod partikolari għall-bhejjem, notevolment il-laħam tal-majjal, u l-produtturi tal-akkwakultura, li diġà qed iħabbtu wiċċhom ma' kostijiet ferm oġġla tal-għalf. **L-introjt medju tal-azjendi agrikoli għal kull ħaddiem huwa għalhekk mistenni li jonqos fl-2022 u l-2023**, u b'hekk jitħassar il-qligħ li sar matul l-2020 u l-2021, bi tnaqqis aktar qawwi għall-produtturi tal-bhejjem.

Żieda fil-kostijiet tal-loġistika u ta' inputs oħra

Il-manifatturi tal-ikel, in-negozjanti u l-bejgiegħa bl-imnut jiffaċċjaw kostijiet akbar għat-trasport u l-loġistika, (bl-ingrossa, bil-kontejners jew bl-ajru). Ir-riżultati tal-COVID u l-irkupru ekonomiku qawwi li segwa ħolqu konġestjoni fil-kapaċitajiet tal-merkanzija marittima. B'aktar tfixkil fil-Baħar l-Iswed, il-merkanzija marittima se tkun taħt aktar stress. Inputs oħra jaraw ukoll żieda fil-kostijiet tagħhom: dan huwa l-każ pereżempju għall-kostijiet tal-imballaġġ (il-kontenituri tal-injam +37 %, il-karta u l-polpa +26 %, il-plastik +13 %)³. In-nuqqas ta' ħaddiema u d-diffikultajiet ta' reklutaġġ fl-industrija tal-manifattura tal-ikel tal-UE huma rrapportati wkoll li għandhom rwol (+62 % fir-rata ta' postijiet tax-xogħol battala fil-manifattura).


Prezzijiet tal-ikel tal-UE li qed jogħlew

³ <https://www.fooddrinkeurope.eu/wp-content/uploads/2022/03/Economic-Bulletin-on-Input-Costs-NovDec-2021-FINAL-public-version.pdf>

Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, mis-sajf tal-2021, il-**prezzijiet tal-ikel għall-konsumatur żdiedu**, u laħqu 5.6 % fuq bażi annwali fi Frar 2022, l-ogħla rata mill-bidu tal-pandemija tal-COVID-19. L-ikel huwa komponent importanti fir-rata ta' inflazzjoni ġenerali (HICP⁴), b'shem ta' medja ta' 16 % fl-UE-27, li miegħu jistgħu jiżdiedu 6 % addizzjonali għall-catering. B'paragun, il-kostijiet tal-enerġija għall-akkomodazzjoni u t-trasport jirrappreżentaw sehem ta' 10 % fil-basket medju tal-unitajiet domestiċi.

L-Istati Membri huma affettwati b'mod differenti, skont il-kuntest ekonomiku nazzjonali rispettiv tagħhom, fuq l-istruttura tal-ktajjen tal-provvista tal-ikel tagħhom, u fuq ix-xejriet nazzjonali tad-domanda tal-konsumaturi.

Graff 2: Inflazzjoni tal-prezzijiet tal-ikel skont l-Istat Membru



Sors: [Eurostat](#) (Stati Membri magħżula).

L-Ukrajna, ir-Russja u s-sigurtà globali tal-ikel

L-invażjoni Russa tal-Ukrajna kompliet iżżid mas-swieq tal-komoditajiet (tal-enerġija) diġà mimlija tensjoni u l-pressjonijiet inflazzjonarji⁵. Barra minn hekk, għandha impatt fuq is-sigurtà globali tal-ikel: **L-Ukrajna u r-Russja** huma atturi ewlenin fis-suq globali taż-żrieragħ u ż-żrieragħ żejtnin. L-Ukrajna tirrappreżenta 10 % tas-suq dinji tal-qamħ, 13 % tas-suq tax-xgħir, 15 % tas-suq tal-qamħirrum, u hija l-aktar attur importanti fis-suq taż-żejt tal-ward tax-xemx (aktar minn 50 % tal-kummerç dinji). F'dak li għandu x'jaqşam mar-Russja, dawn iċ-ċifri huma rispettivament 24 % (qamħ), 14 % (xgħir) u 23 % (żejt tal-ward tax-xemx). Ir-Russja hija wkoll esportatur ewlieni ta' ħut abjad, b'mod partikolari l-Merluzz tal-Alaska għall-industrija tal-ipproċessar (16 % tal-provvista).

⁴ Indiċi armonizzati tal-prezzijiet tal-konsumatur.

⁵ Analizi estensiva tista' tinstab fin-nota ta' informazzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti "The importance of Ukraine and the Russian Federation for global agricultural markets and the risks associated with the current conflict", 11 ta' Marzu 2022, <https://www.fao.org/3/cb9013en/cb9013en.pdf>, jew fi "The Ukraine Conflict and Global Food Price scares, R. Vos, J. Glauber, M. Hernandez, u D. Laborde, 1-1 ta' Marzu 2022, <https://www.foodsecurityportal.org/node/1921>.

L-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani jimportaw aktar minn 50 % tal-ħtiġijiet taċ-ċereali tagħhom mill-Ukrajna u mir-Russja. Il-pajjiżi tal-Afrika tal-Lvant jimportaw 72 % taċ-ċereali tagħhom mir-Russja u 18 % mill-Ukrajna. L-Ukrajna hija wkoll fornitur importanti tal-qamħirrum (għall-għalf) lill-Unjoni Ewropea u liċ-Ċina.

L-Ukrajna hija r-raba' l-akbar fornitur agroalimentari tal-UE u sors ewlieni ta' ċereali (52 % tal-importazzjonijiet tal-qamħirrum tal-UE, 19 % tal-qamħ artab), żjut veġetali (23 % tal-importazzjonijiet tal-UE) u żrieragħ taż-żejt (22 % tal-importazzjonijiet tal-UE, speċjalment iż-żerriegħa tal-kolza li tammonta għal 72 % tal-importazzjonijiet tal-UE). Ir-Russja tesporta inqas lejn l-UE.

Minħabba s-saħħa tal-Ukrajna fil-kummerċ internazzjonali, it-tfixkil tal-produzzjoni agrikola u fil-loġistika tal-Ukrajna, flimkien maż-żieda fil-kostijiet tat-trasport tal-merkanzija u l-assigurazzjoni, għandu **riperkussjonijiet kbar fuq is-swieq dinjija**, u għalhekk fuq il-prezzijiet taċ-ċereali. Mill-bidu tal-kunflitt, diġà ġiet irreġistrata żieda qawwija fil-prezzijiet dinjija taċ-ċereali, oġġla mill-prezzijiet tal-2007/2008. Din is-sitwazzjoni mhux biss tpoġġi f'riskju l-provvista tal-ikel lill-popolazzjoni tal-Ukrajna, iżda wkoll is-sigurtà tal-ikel ta' dawk il-pajjiżi mhux tal-UE dipendenti fuq l-importazzjonijiet ta' komoditajiet mill-Ukrajna.

Il-potenzjal tal-produzzjoni agrikola tal-Ukrajna huwa affettwat ħafna mill-invażjoni Russa tal-pajjiż. Minbarra l-prezz uman, il-qerda u l-perikli tal-gwerra, hemm nuqqas ta' ħaddiema biex jaħdmu l-azjendi agrikoli u l-għelieqi inkluż fi Stati Membri ġirien. L-inputs essenzjali huma skarsi u diffiċli jew impossibbli li jinkisbu. Fl-Ukrajna, il-kapaċità li jinżerġu għelejjel tar-rebbiegħa u li jinħasdu kemm l-għelejjel tar-rebbiegħa kif ukoll dawk tax-xitwa fl-2022 se tkun deċiżiva u l-impatt tal-gwerra x'aktarx li jestendi fuq diversi snin, mhux l-anqas minħabba ħsara tal-gwerra fuq l-infrastruttura u l-faċilitajiet loġistiċi. Fir-Russja, filwaqt li l-produzzjoni ma ġarrbitx ħsara mill-gwerra, għad hemm inċertezza dwar il-kapaċità tagħha li tesporta kwantitajiet kbar mill-Baħar l-Iswed.

Is-sigurtà tal-ikel f'kundest globali

Is-sigurtà tal-ikel għadha ta' tħassib dejjem akbar fil-pjaneta. In-Nazzjonijiet Uniti enfasizzaw li t-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità jirrappreżentaw it-theddida globali ewlenija għas-sigurtà tal-ikel⁶. Il-FAO tirrapporta li 811 miljun persuna għadhom isofru minn nuqqas ta' nutrizzjoni kroniku u hemm taħlita ta' fatturi li qed tisfida l-progress lejn l-ilħuq tal-għan ta' żvilupp sostenibbli Nru 2 "Inxejnu l-Ġuħ". It-tibdil fil-klima huwa mistenni li jaggrava s-sitwazzjoni fin-nuqqas ta' miżuri effettivi ta' mitigazzjoni u adattament. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel għandha effett immedjat fuq iċ-ċittadini fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw kif ukoll fuq dawk l-anqas żviluppati li jiddependu fuq ix-xiri tal-ikel. L-**Indiċi tal-Prezzijiet tal-Ikel tal-FAO**, li jsegwi l-bidliet ta' kull xahar fil-prezzijiet internazzjonali tal-komoditajiet, **jindika sitwazzjoni dejjem aktar diffiċli**: dan kellu medja ta' 140.7 punt fi Frar 2022, **l-oġġla punt li qatt kellu**, 3.1 punt aktar mill-oġġla livell preċedenti ta' Frar 2011.

Filwaqt li huwa rrapportat li l-klijenti ewlenin tal-qamħ Ukren u Russu għandhom ħażniet għal xi xhur, **iż-żidiet fil-prezzijiet diġà qed jinħassu** f'pajjiżi li jinsabu f'sitwazzjoni prekarja bħas-Sirja u l-Libanu, kif ukoll l-Alġerija.

⁶ <https://www.ipcc.ch/srccl/chapter/chapter-5/>, <https://www.fao.org/documents/card/en/c/ca3129en/>.

Fl-2021, in-nuqqas ta' sigurtà globali tal-ikel laħaq livelli mingħajr preċedent, b'aktar minn 161 miljun persuna li jeħtieġu assistenza alimentari urġenti, u kważi 0.6 miljun ruħ esperjenzaw kundizzjonijiet simili għall-karestija. Din is-sitwazzjoni tista' tkompli tiddeterjora jekk il-prezzijiet tal-ikel ikomplu jiżdiedu.

ANNEX 2

SEGWITU TAL-KOMUNIKAZZJONI TAL-2008 MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI - IL-PREZZIJET TAL-IKEL FL-EWROPA (KUMM/2008/0821 FINALI)

Rakkomandazzjonijiet tal-Komunikazzjoni tal-2008	Segwitu
<p>Il-promozzjoni tal-kompetittività tal-katina tal-provvista tal-ikel</p>	<p>Ir-Riformi suċċessivi tal-PAK (2008, 2013, 2021)</p> <p>Il-Forum ta' Livell Għoli għal funzjonament aħjar tal-katina tal-provvista tal-ikel (2010–2019).</p> <p>Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (eż. il-Ġappun, il-Vjetnam, Singapor, il-Kanada, il-Messiku, SADC-FSE) li jirriżultaw fi ftuħ tas-suq u tnaqqis ta' ostakli mhux tariffarji għall-esportazzjonijiet agroalimentari.</p> <p>Is-sorveljanza tas-Suq u l-istabbiliment tat-Task Force għall-Infurzar tas-Suq Uniku.</p> <p>InvestEU: appoġġ lill-SMEs agroalimentari permezz tan-network EEN u aċċess għal strumenti finanzjarji.</p> <p>L-Isħubija tal-UE għall-Ħiliet fis-settur agroalimentari</p> <p>Il-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar prattiki responsabbli ta' negozju u kummerċjalizzazzjoni tal-ikel.</p>
<p>L-iżgurar ta' nfurzar qawwi u koerenti tar-regoli dwar il-kompetizzjoni u l-ħarsien tal-konsumatur fis-swieq tal-provvista tal-ikel mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni u l-Konsumatur</p>	<p>Il-Kummissjoni intervjeniet u ssanzjonat ir-restrizzjonijiet tal-kummerċ parallel f'għadd ta' każijiet fis-swieq agroalimentari.</p> <p>Il-Kummissjoni u l-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni waqqfu għadd ta' inizjattivi protezzjonisti nazzjonali dwar il-prodotti tal-ikel.</p> <p>Il-Kummissjoni awtorizzat xi fużjonijiet fl-inputs agrikoli (eż. prodotti għall-protezzjoni tal-għelejjel) u f'xi prodotti tal-ikel u x-xorb (eż. prodotti tal-ħalib, birra) soġġetti għal rimedji li jipproteġu l-kompetizzjoni fil-prezzijiet u l-għażla u l-innovazzjoni.</p> <p>Studju komprensiv tal-Kummissjoni dwar il-</p>

	<p>konċentrazzjoni tas-settur modern tal-bejgħ bl-imnut u dwar kif l-għażla u l-innovazzjoni disponibbli għall-konsumaturi fuq l-ixkafef tal-ħwienet evolwew matul l-2004–2012.ⁱ</p>
<p>Rieżami fil-livell nazzjonali u/jew f'dak tal-UE, kif xieraq, ta' regolamenti li ġew identifikati bħala potenzjalment problematiċi għall-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel</p>	<p>Ir-Rapport tat-Task Force għas-Swieq Agrikoli Improving market outcomes – enhancing the position of farmers in the supply chain (2016)ⁱⁱ</p> <p>Kjarifika tad-dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni fir-Regolament dwar l-OKSⁱⁱⁱ (Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq), 2018, 2021.</p> <p>Id-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari.</p> <p>Is-simplifikazzjoni tar-regolamenti dwar is-sikurezza tal-ikel inkluż il-Kontroll tal-Idoneità dwar ir-Regolament tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel.</p>
<p>L-għoti ta' tagħrif aħjar lill-konsumaturi, lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-operaturi tas-suq permezz tat-twaqqif ta' sorveljanza Ewropea permanenti tal-prezzijiet tal-ikel u l-katina ta' provvista</p>	<p>L-istabbiliment ta' sitt Osservatorji tas-Suq Agrikolu^{iv} u portal tad-<i>data</i> AGRIFOOD.</p> <p>Il-pubblikazzjoni ta' rapporti regolari ta' Prospettiva fuq Terminu Qasir^v.</p> <p>L-istabbiliment tal-Għodda ta' Monitoraġġ tal-Prezzijiet tal-Ikel tal-Eurostat^{vi}</p> <p>Dispożizzjonijiet imtejba f'termini ta' trasparenza tas-suq għall-prodotti agrikoli (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1746; L-Emendi tal-OKS tal-2021¹).</p> <p>L-istabbiliment tas-Sistema Internazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Swieq Agrikoli (AMIS - ara t-taqsim 3): <i>Data</i> tal-Eurostat dwar il-prezzijiet tal-ikel</p>
<p>L-eżaminar tal-miżuri biex titnaffar l-ispekulazzjoni għad-detriment tal-operaturi kummerċjali fis-swieq tal-komoditajiet agrikoli</p>	<p>Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li ssaħħaħ il-protezzjoni tal-investituri u ttejjeb il-funzjonament tas-swieq finanzjarji u tagħmilhom aktar effiċjenti, reżiljenti u trasparenti.</p> <p>Id-Direttiva (UE) 2021/338 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill temenda d-Direttiva</p>

	<p>2014/65/UE, biex tgħin l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19.</p> <p>Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbuż tas-suq.</p> <p>Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-<i>data</i> dwar it-tranżazzjonijiet japplika għal firxa wiesgħa ta' derivattivi OTC, inklużi ċerti derivattivi ta' komoditajiet li jżidu t-trasparenza ta' derivattivi ta' komoditajiet OTC negozjati .</p>
--	---

-
- i https://ec.europa.eu/competition/sectors/agriculture/retail_study_report_en.pdf .
 - ii https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/food-farming-fisheries/farming/documents/amtf-report-improving-markets-outcomes_en.pdf
 - iii Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli
 - iv https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/farming/facts-and-figures/markets/overviews/market-observatories_mt
 - v https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/farming/facts-and-figures/markets/outlook/short-term_mt
 - vi https://ec.europa.eu/growth/sectors/food-and-drink-industry/competitiveness-european-food-industry/european-food-prices-monitoring-tool_mt